Kummissarju għall-Istandards
fil-Ħajja Pubblika

21 ta' April 2021

L-Onor Dr Anġlu Farrugia MP
Speaker tal-Kamra tad-Deputati

Bl-email fuq anglu.farrugia@parlament.mt

Mr Speaker,

**Diskors tal-Onor Glenn Bedingfield fl-aġġornament tad-19 ta' April 2021**

F'diskors li għamel waqt l-aġġornament tas-seduta parlamentari tat-Tnejn 19 ta' April 2021, l-Onor Glenn Bedingfield għamel numru ta' allegazzjonijiet dwar l-uffiċċju tiegħi u dwari li jimmeritaw risposta.

Kull driver f'segretarjat ta' ministru jew segretarju parlamentari jitħallas €24,650, li tiġi ekwivalenti għall-iskala ta' salarju 9 għalkemm uffiċjalment driver f'segretarjat ta' ministru mhuwiex f'din l-iskala.[1] Il-paga tad-driver tiegħi, li kienet inkluża fl-ewwel pjan finanzjarju għall-uffiċċju tiegħi li ġie approvat mill-Parlament, din is-sena tammonta għal €23,623.

Ta' min jgħid ukoll li jiena għandi driver wieħed, mhux tnejn kif għandu kull ministru u segretarju parlamentari. Id-driver tiegħi jaħdem kuljum u jagħmel xogħol ieħor fl-uffiċċju, apparti li jibqa' on call anki wara l-ħin tax-xogħol, filwaqt li driver f'segretarjat jaħdem ġurnata iva u ġurnata le.

Mhux minnu li jiena qed nirrifjuta li nwieġeb domandi parlamentari dwar l-uffiċċju tiegħi. Jiena diġà tajt risposti eżawrijenti tramite l-Ispeaker għal żewġ domandi parlamentari tal-Onor Bedingfield,[2] għalkemm konxju li hemm żewġ domandi oħra pendenti. L-Onor Bedingfield qed ikun fattwalment skorrett u

---

1 Driver f'segretarjat jitħallas il-massimu tal-iskala 14, li din is-sena tammonta għal €18,262, kif ukoll allowance ta' 35 fil-mija tal-paga. Ara d-dokument li jinsab f' https://publicservice.gov.mt/en/Documents/Public%20Service%20Management%20Code/PSMC%20Manuals/Manual_on_Resourcing_Policies_and_Procedures.pdf (paġni 127, 129 u 133).

2 Ir-risposti jistgħu jitniżżlu minn https://www.parlament.mt/media/110954/06094.pdf u https://www.parlament.mt/media/110955/06095.pdf.

qed jikkontradixxi lilu nnifsu meta qed jikkwota minn waħda minn dawn ir-risposti dwar is-salarji tad-driver tiegħi fl-istess waqt li qed jakkużani li qed nirrifjuta li nipprovdi informazzjoni simili.

It-tliet konsulenti li jiena qabbadt, bejniethom it-tlieta jitħallsu €54,000 fis-sena mill-uffiċċju tiegħi, minkejja li huma persuni bi kwalifiki u ta' esperjenza konsiderevoli fil-qasam tagħhom.

F'waħda mir-risposti li tajt tramite l-Ispeaker lill-Onor Glenn Bedingfield, jiena diġà spjegajt li hekk kif inħtart kelli ninġaġġa impjegati b'urġenza biex inkun nista' jibda niffunzjona, għax la kelli staff u lanqas uffiċċju minn fejn naħdem. Madankollu mhux minnu li jiena impjegajt ħamsa mis-sitt impjegati tal-uffiċċju tiegħi bħala persuni ta' fiduċja. Tnejn minn dawn is-sitta diġà kienu impjegati tal-gvern u ġew assenjati (detailed) fl-uffiċċju tiegħi fuq talba tiegħi u bl-approvazzjoni tal-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Oħra ġiet impjegata wara sejħa pubblika.

Kif spjegajt ukoll f'dik ir-risposta, jiena **qatt** ma għedt li m'għandux ikun hemm persuni ta' fiduċja. Kull ministru u segretarju parlamentari għandu jkollu l-fakultà li jagħżel nies li jafda bħala parti mis-segretarjat tiegħu (u jassumi responsabbiltà għalihom). Li qed ngħid hu li l-ingaġġ ta' dawn il-persuni, li hija prattika li tmur lura snin twal, għandu jkun regolat mill-Kostituzzjoni u għandu jkun hemm salvagwardji biex din il-fakultà ma tiġix abbużata.

Mhux minnu wkoll li xi membru tal-istaff tiegħi huwa taħt xi dell ta' korruzzjoni jew imġieba korrotta. Għamilt indaġni min-naħa tiegħi u jirriżultali li din l-allegazzjoni, li ma ġiet sostanzjata bl-ebda mod min-naħa tal-Onor Bedingfield, hija totalment infondata. Biss, jekk jidhirlu li għandu xi provi ta' dak li qiegħed jgħid, nistiednu jgħaddihomli privatament.

L-Onor Bedingfield huwa fattwalment skorrett meta qed jgħid li jiena kkritikajt l-infieq fuq riklami. Jien ikkritikajt l-infieq ta' fondi pubbliċi għal skopijiet politiċi, personali jew partiġġjani. Fl-istess waqt l-Onor Bedingfield qed jikkritikani talli rriklamajt kariga vakanti f'gazzetta waħda u sit wieħed biss. Jiena kont prudenti fl-infieq tiegħi u għażilt dawn iż-żewġ mezzi għax kienu biżżejjed biex jilħqu udjenza nazzjonali.

Assolutament mhux minnu li xi dokumenti qatt inħarġu b'mod klandestin mill-uffiċċju tiegħi. Din l-akkuża wkoll da parti tal-Onor Bedingfield hija totalment infondata. Kull min jaħdem fl-uffiċċju tiegħi jieħu ġurament ta' kunfidenzjalità. Barra minn dan, jekk ġie żvelat xi rapport dwar investigazzjoni li saret minni, dan sar wara li r-rapport in kwistjoni tqassam mill-President tal-Kumitat Permanenti għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika lid-deputati taż-żewġ naħat tal-Kamra li huma membri tal-Kumitat.

Min jixtieq jaċċerta ruħu dwar l-imparzjalità li jiena aġixxejt biha fil-kariga ta' Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika għandu biss jara l-konklużjonijiet tar-rapporti li huma ppubblikati fuq is-sit tal-uffiċċju tiegħi.[3] Dawn ir-rapporti jirreferu biss għal każi li ġew investigati, u ma jinkludux diversi każi oħra fejn jiena ddeċidejt li l-ilment lanqas jimmerita investigazzjoni. Infakkar li kien hemm drabi meta jiena ġejt akkużat fil-midja li ma kontx iebes biżżejjed.

Il-kariga tiegħi ma tippermettilix li nidħol f'battibekki ma' deputati parlamentari, iżda jiena fid-dmir li nirribatti akkużi serji li, apparti li huma infondati, jistgħu jaffettwaw il-kredibilità tal-uffiċċju tiegħi. Attakki bħal dawn iservu biss biex jimminaw l-isforzi ta' dan il-parlament biex isaħħaħ l-istituzzjonijiet tal-pajjiż, proprju fi żmien meta l-pajjiż għandu bżonn juri li l-istituzzjonijiet qed jaħdmu.

Nitolbok tqiegħed din l-ittra fuq il-mejda tal-Kamra. Min-naħa tiegħi jiena se nippubblikaha permezz tas-sit tal-uffiċċju tiegħi.

Inselli għalik,

Dr George Marius Hyzler
Kummissarju għall-Istandards fil-Ħajja Pubblika

---

3 https://standardscommissioner.com/case-reports/.